Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 19 ta' Settembru 2022**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0295(NLE)**

**12551/22**
**ADD 1**

**FIN 931**
**RESPR 27**
**CADREFIN 139**
**POLGEN 122**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 18 ta' Settembru 2022 |
| lil: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 485 final/ANNEX |
| Suġġett: | ANNESS tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni mill-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Ungerija |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 485 final/ANNEX.

---

Mehmuż: COM(2022) 485 final/ANNEX

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.9.2022
COM(2022) 485 final

ANNEX

**ANNESS**

*tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal*

**Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill**

**dwar miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni mill-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Ungerija**

**Anness**

**Tabella 1: Il-passi ta' implimentazzjoni ewlenin tal-miżuri ta' rimedju sad-19 ta' Novembru 2022**
(kif impenjat ruħha għalihom l-Ungerija fil-miżuri ta' rimedju ppreżentati)

| **Miżura ta' rimedju** | **Pass ta' implimentazzjoni ewlieni** | **Data ta' implimentazzjoni** |
|---|---|---|
| Awtorità tal-Integrità | Adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Gvern li tipprevedi l-kompitu u l-iskeda ta' żmien għat-twaqqif tal-Awtorità tal-Integrità | **sal-5 ta' Settembru 2022** |
| | Preżentazzjoni lill-Assemblea Nazzjonali ta' Abbozz ta' Att dwar it-twaqqif tal-Awtorità | **sat-30 ta' Settembru 2022** |
| | Ħatra tal-bord tal-Awtorità | **sal-4 ta' Novembru 2022** |
| | Bidu tal-attivitajiet tal-Awtorità | **mid-19 ta' Novembru 2022** |
| Task Force Kontra l-Korruzzjoni | Adozzjoni tat-tħassir tad-Deċiżjoni tal-Gvern | **sal-5 ta' Settembru 2022** |
| | Preżentazzjoni lill-Assemblea Nazzjonali ta' Abbozz ta' Att dwar it-twaqqif tal-Awtorità | **sat-30 ta' Settembru 2022** |
| Tisħiħ tal-qafas Kontra l-Korruzzjoni | Adozzjoni ta' strateġiji kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni | **sat-30 ta' Settembru 2022** |
| | Preżentazzjoni lill-Assemblea Nazzjonali ta' abbozz ta' leġiżlazzjoni inkluż dwar: Estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni personali u materjali tad-dikjarazzjonijiet tal-assi (inkluż għall-qraba li jgħixu fl-istess abitazzjoni mal-persuna kkonċernata) | **B'effett mill-1 ta' Novembru 2022** |
| Fondazzjonijiet ta' Ġestjoni ta' Interess Pubbliku | Adozzjoni tal-atti emendatorji (l-Att CXLIII tal-2015 dwar l-akkwist pubbliku u l-Att IX) | **sat-30 ta' Settembru 2022** |
| Stħarriġ Ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tal-prosekuturi | Finalizzazzjoni tal-abbozz tat-test tar-regolamenti ta' implimentazzjoni (meħtieġa għall-applikazzjoni tal-proċedura ta' rieżami) u adozzjoni immedjatament wara d-dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida | **sal-31 ta' Ottubru 2022** |
| | Dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida li temenda l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali wara rieżami *ex ante* mill-Qorti Kostituzzjonali mniedi mill-Gvern | **il-15 ta' Novembru 2022** |

| | | |
|---|---|---|
| Tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' awditjar u kontroll għall-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE | Twaqqif ta' Grupp ta' Ħidma | **sal-31 ta' Awwissu 2022** |
| | Twaqqif tad-DIAI (Directorate of Internal Audit and Integrity, id-Direttorat għall-Awditjar Intern u l-Integrità) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru | **sat-30 ta' Settembru 2022** |
| | Adozzjoni tal-emendi tad-Digrieti Amministrattivi rilevanti (413/2021 u 256/2021) | **sat-30 ta' Settembru 2022** |
| Tnaqqis tal-offerti waħdiena fi proċeduri ta' akkwist pubbliku li jinvolvu fondi tal-UE | Il-prestazzjoni tal-ewwel awditu mill-EUTAF dwar il-konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku (u dwar il-forniment ta' *data* individwali lill-Kummissjoni u lill-pubbliku jekk applikabbli) | **sat-30 ta' Settembru 2022** |
| Għodda ta' rapportar ta' offerta waħda | L-iżvilupp ta' għodda ġdida ta' monitoraġġ u rappurtar ibbażata fuq *data* miksuba mill-EPS | **sat-30 ta' Settembru 2022** |
| | Id-Direttorat Ġenerali għall-Awditjar tal-Fondi Ewropej (EUTAF) għandu jikkonferma permezz tal-awditu tiegħu li l-għodda ta' rapportar ta' offerti waħdiena tkun kompletament funzjonali u operazzjonali | **sat-30 ta' Settembru 2022** |
| Sistema Elettronika tal-Akkwist Pubbliku (Electronic Public Procurement System, EPS) | Operabbiltà sħiħa ta' funzjonijiet żviluppati ġodda li jippermettu t-tiftix strutturat u l-esportazzjoni ta' *data* fl-EPS anki f'format li jista' jiġi pproċessat b'mezzi mekkanizzati | **sat-30 ta' Settembru 2022** |
| Qafas għall-kejl tal-prestazzjoni | Żvilupp ta' qafas għall-kejl tal-prestazzjoni, inkluża l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Gvern | **sat-30 ta' Settembru 2022** |
| Użu estiż tal-Arachne | Applikazzjoni tal-proċeduri għall-użu sistematiku u effettiv tal-ARACHNE | **sat-30 ta' Settembru 2022** |
| Tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-OLAF | Adozzjoni ta' att dwar l-emendar tal-Att CXXII tal-2010 dwar Nemzeti Adó- és Vámhivatal, li permezz tiegħu l-Amministrazzjoni Nazzjonali tat-Taxxa u tad-Dwana se tinħatar bħala l-awtorità nazzjonali kompetenti biex tassisti lill-OLAF | **sat-30 ta' Settembru 2022** |
| | Adozzjoni ta' att dwar l-emendar tal-Att XXIX tal-2004 biex jiġi introdott tip ta' sanzjoni finanzjarja dissważiva li trid tiġi imposta f'każ li operatur ekonomiku jirrifjuta | |

| | | |
|---|---|---|
| | li jikkoopera mal-OLAF | |
| Titjib fit-trasparenza tal-infiq pubbliku | Lill-Kummissjoni jintbagħtilha abbozz avvanzat tal-att leġiżlattiv li jistabbilixxi obbligu għall-korpi pubbliċi kollha li jippubblikaw b'mod proattiv sett predefinit ta' informazzjoni dwar l-użu tal-fondi pubbliċi | **sat-30 ta' Settembru 2022** |
| | Adozzjoni tal-att leġiżlattiv imsemmi hawn fuq | **sal-31 ta' Ottubru 2022** |

Tabella 2: Miżuri ta' rimedju li jeħtieġu perjodu ta' implimentazzjoni itwal u l-ebda pass ewlieni ta' implimentazzjoni immedjata:

(kif impenjat ruħha għalihom l-Ungerija fil-miżuri ta' rimedju ppreżentati)

| | |
|---|---|
| Tnaqqis tas-sehem ta' proċeduri ta' sejħiet għall-offerti b'offerti waħdiena ffinanzjati mill-baġit nazzjonali | Trid tiġi implimentata, gradwalment (fi tliet stadji) sal-31 ta' Diċembru 2024. L-ebda pass ewlieni ta' implimentazzjoni immedjata. |
| Adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni biex jiżdied il-livell ta' kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku | Il-pjan irid jiġi adottat sal-31 ta' Marzu 2023, filwaqt li jitqiesu, fost l-oħrajn, l-ewwel riżultati tal-qafas tal-kejl tal-prestazzjoni li jrid ikun operazzjonali sal-31 ta' Diċembru 2022. L-ebda pass ewlieni ta' implimentazzjoni immedjata. |
| Taħriġ li jrid jiġi pprovdut għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju dwar il-prattiki tal-akkwist pubbliku | Irid jiġi implimentat progressivament sa Ġunju 2026. L-ebda pass ewlieni ta' implimentazzjoni immedjata. |
| Twaqqif ta' skema ta' appoġġ għall-kumpens tal-ispejjeż assoċjati mal-parteċipazzjoni fl-akkwist pubbliku ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju | Trid tiġi implimentata progressivament sa Lulju 2026. L-ebda pass ewlieni ta' implimentazzjoni immedjata. |